# Tribunal Industrijali

Decizjoni Numru 1540

Kaz Numru 1802

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Mario Fenech

u

Dowty Automotive u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2003 saret korrezzjoni fl-okkju fis-sens li wara l-kliem 'Dowty Automotive' zdiedu l-kliem '(Malta) Limited'
dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 23 ta' Settembru 2004

Chairperson: Av. Dr. Audrey Demicoli

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Triibunal mill-appellant Mario Fenech permezz ta' Dikjarazzjoni prezentata fil--5 ta' Settembru 2003 fejn sostna li t-tkeccija tieghu mill-impjieg mas-socjeta' konvenuta ma saritx ghal raguni valida u skond il-ligi. Is-socjeta' intimata min-naha l-ohra sostniet li hija kienet itterminat l-impjieg tal-appellant ghal raguni valida u sufficjenti skond il-ligi. It-Tribunal ha konjizzjoni tad-Dikjarazzjonijiet tal-Kaz prezentati miz-zewg partijiet, zamm tmien (8) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri taghhom.

## Fatti tal-Kaz

L-appellant gie mpjegat bhala *press operator* mas-socjeta' intimata fit-22 ta' Awissu 1994. Fit-22 ta' Novembru 2001 huwa kien gie mwissi bil-miktub mill-*Manager* tieghu ta' dak iz-zmien, John Bugeja, li kien produca xoghol ta' kwalita' hazina. Fis-17 ta' Settembru 2002 l-appellant kien sospiz mix-xoghol ghal gurnata u inghata *final warning* minghand il-*Manager* tieghu ta' dak iz-zmien, Robert Bonavia, u dan peress li kien ta daqqa ta' harta lil *canteen attendant,* certu Jane Borg, Fl-14 ta' Novembru 2002 l-appellant inghata *warning* verbali mill-*Manger* tieghu Cedric Mamo peress li huwa kien instab qed jitlef il-hin jitkellem ma mpjegat iehor mhux waqt il-hin tal-brejk. Dan il-*warning* inghata fil-presenza tal-*Human Resources Manager* u gie registrat. Fis-26 ta' Frar 2003 il-*Manager* Charles Flask hareg *warning* bil-miktub lill-appekllant talli dan tal-ahhar kien telaq minn fuq il-post tax-xoghol tieghu u hallieh *'unattended'* u anki talli huwa baqa' jargumenta mas-superjuri tieghu. Fit-12 ta' Mejju 2003 il-*Manager t*al-appellant ta' dak iz-zmien, Costanz Attard, kif ukoll is-*supervisors* Salvu Debono, David Fiteni u Joe Fenech hargulu *warning* bil-miktub minhabba sensiela ta' nuqqasijiet da parti tieghu li kienu lkoll sehhu fil-gimgha precedenti. In-nuqqasijiet imsemmija f'dan l-ahar warning kienu jikkonsistu fil-fatt li fil-5 ta' Mejju 2003 huwa nqabad iparla waqt il-hin tax-xoghol minghajr ma kien attent ghal dak li kien qed jaghmel, li fit-8 ta' Mejju 2003 l-appellant kien kellem b'mod pastaz u oxxen lis-superjur tieghu Salvu Debono, li fid-9 ta' Mejju 2003 kiser 'concession' moghtija lilu mighand superjur tieghu sabiex jillarga minn fuq il-post tax-xoghol meta dam ferm aktar mill-hin lilu koncess u talli wkoll f'din l-ahhar gurnata huwa ripetutament kiser l-istruzzjonijiet lilu moghtija mis-superjur tieghu David Fiteni dwar kif huwa kellu jahdem.

Abbazi ta' dan il-*warning* tat-12 ta' Mejju 2003 u skond ma jipprovdi l-Ftehim Kollettiv relattiv l-appellant gie sospiz mill-impjieg u l-kaz intbaghat sabiex jinstema' mill-*Human*

*Resources Manager* Ronald Bonnici. Dan tal-ahhar sema' l-kaz u ddecida li l-insubbordinanza u l-agir aggressiv dokumentati fid-diversi warnings hawn fuq imsemmija u moghtiija fis-sentejn precedenti kienu jiggustifikaw it-tkeccija mill-impjieg tal-appellant liema tkeccija saret b'effett mit-12 ta' Mejju 2003. L-appellant appella minn din id-decizjoni u l-kaz instema',minn wiehed mid-diretturi tas-socjeta' intimata, Nicholas Xuereb, li kkonferma d-decizjoni mehuda mill-Human Resources Manager. Mill-provi rrizluita wkoll li anki fis-snin precedenti l-appellant kien inghata varji warnings dwar kompartament hazin u kwalita' ta' xoghol.

**Konsiderazzjonijiet**

Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta' intimata rnexxilha tipprova inekwivokabilment u b'mod ezawrjenti li d-decizjoni minnha mehuda li tittermina l-impjieg tal-appellant kienet wahda gustifikata. Il-fatti kif hawn fuq esposti jindikaw li fl-ahhar sentejn qabel ma gie terminat l-impjieg tieghu, u anki precedentement, huwa addotta atteggjament aggressiv fil-konfront tas-superjuri tieghi u anki fil-konfront ta' terzi fuq il-post tax-xoghol (ara incident mal-kaxxiera tal-canteen). Kien hemm ukoll insubbordinazzjoni kontinwa u ripetuta da parti tieghu lejn is-superjuri diretti. Dan jirrizulta mill-varji warnings li ngahtaw lill-appellant u li gew elenkati aktar il-fuq fl-esposizzjoni tal-fatti. Irid jigi nnutat li dawn il-warnings kollha gew iffirmati mill-appellant li ghalhekk kien qed jaccetta l-kontenut taghhom. Fix-xhieda tieghu l-appellant sostna li huwa kien iffirma dawn il-warnings ghaliex kien beza' mis-superjuri tieghu. Fil-fehma tat-Tribunal din l-iskuza m'hijiex accettabbli peress li mill-provi rrizulta li meta inghata dawn il-warnings l-appellant dejjem kien assistit minn shop steward u fil-fatt il-warnings dejjem geew iffirmati anki mill-imsemmi shop steward. Dan ifisser li l-appellant kellu min jispjegalu x'inhuma l-konsegwenzi tal-firma tieghu fuq il-varji warnings u seta' facilement irrifjuta li jiffirmahom jekk irritjena li l-kontenut taghhom ma kienx jirrifletti l-verita'.

L-appellant prova wkoll jiggustifika l-agir tieghu billi jghid li huwa kellu xi problemi fizici u kien qed isofri minn 'depression' minhabba problemi personali li kellu. Huwa izda naqas milli jipproduci provi soddisfacenti fir-rigward fis-aens li l-fotokopji tac-certifikati medici li huwa esebixxa mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz ma gewx konfermati mit-tobba li rrilaxxawhom. Irid jigi precizat ukoll li mill-fortokopji ta' dawn ic-certifikati medici li gew esebiti l-anqas biss ma jirrizulta l-isem tat-tabib jew specjalista li rrilaxxjahom. Inoltre jrid jigi rilevat li l-appellant qatt ma ssottometta dawn ic-certifikati lis-socjeta' intimata ghad-debita konsiderazzjoni. Apparti kollox it-Tribunal jidhirlu li problemi fizici u stat depressiv minhabba problemi ta' natura personali li allegatament kien qed isofri minnhom l-appellant ma jiggustifikawx l-atteggjament aggressiv u l-insubbordinazzjoni kostanti da parti tieghu.

Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta' intimata tat diversi opportunitajiet lill-appellant sabiex jirrimedja l-agir tieghu qabel ma addottat il-mizura estrema ta' tkeccija izda mill-provi rrizulta li huwa naqas milli jiehu l-opportunitajiet lilu offerti sabiex jirrimedja u kompla bl-istess atteggjament. Fic-cirkostanzi is-socjeta' intimata ma kellha ebda triq ohra hlief li tittermina l-impjieg tal-appellant.

## Decizjoni

Ghar-ragunijiet hawnn fuq premessi t-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant da parti tas-socjeta' intimata saret ghal raguni gjusta u skond il-ligi.

Ghall-iskpopijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lilll-partijiet fl-ammont ta' Lm40.00 kull wiehed.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairperson**